# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 44**

**Citaz. Nru. 1272/00 GV**

Doc. 252-02

**Emanuel Cassar personalment kif ukoll bhala Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u Superintendent tal-Pulizija**

**Vs**

**Alfred Briffa**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'artikolu jew kitba intitolata "Mill-Ghassa jikteb Pisi" ippubblikata fil-harga ta' nhar il-Hadd, 18 ta' Gunju 2000, tal-gazzetta "*It-Torca*", li kopja taghha hi hawn annessa (Dok. "A"), il-konvenut bhala Editur ta' l-istess gazzetta, ingurja lill-attur, li jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, billi ghamel allegazzjonijiet u imputazzjonijiet specifici fil-konfront tieghu li jtendu li jingurjaw jew jimmalafamaw il-karattru u reputazzjoni tieghu, jew li jesponuh ghar-ridikolu u disprezz tal-pubbliku u li jikkontjenu wkoll fatti inveridici, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-attur huwa ufficjal pubbliku u Superintendent tal-Pulizija u ilu fil-Korp tal-Pulizija mill-1969 minghajr ebda waqfa fis-servizz, u qatt ma kien “membru tal-gakketta blu” kif allegat fl-imsemmija pubblikazzjoni, u qatt ma kien tesserat fil-Partit Nazzjonalista. Ghalhekk, il-pubblikazzjoni li ghaliha huwa responsabbli l-konvenut tammonta ghal attakk fuq l-indipendenza tieghu billi l-konvenut assocjah mal-karru politiku tal-Partit Nazzjonalista.

Premess illi dan l-agir jirrendih passibbli ghall-kundanna ghall-hlas tad-danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja morali a tenur ta’ l-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1 Tiddikjara li l-imsemmi artikolu jew kitba intitolata “Mill-Ghassa” li giet ippubblikata fil-harga tat-18 ta’ Gunju, 2000 tal-gazzetta “It-Torca” (Dok. “A”) hija ngurjuza u libelluza fil-konfront ta’ l-attur;

2 Tikkundanna lill-konvenut bhala Editur ta’ l-imsemmi gazzetta li ppubblikat l-artikolu jew kitba inkriminata jhallas lill-attur in linea ta’ danni u riparazzjoni ghall-ingurja morali dik is-somma li tigi minn din il-Qorti ffissata a tenur ta’ l-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, flimkien ma’ l-imghax legali mid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur m'ghandu ebda "*locus standi*" bhala nomine u l-eccipjent ghandu minn dan il-lat jigi liberat bi spejjes kontra l-attur.

2. Illi, fit-tieni lok trid tigi pruvata l-konnesjoni tal-eccipjent mal-harga tal-gurnal in kwistjoni.

3. Illi in kwantu ghall-elenku tax-xhieda, l-attur irid jispecifika minn issa, u b'mod preliminari minn huma "il-persuni kollha li kienu maghrufa bhal 'tal-gakketta blu' ".

4. Illi, li wiehed, hu min hu, tassjocah ma' partit politiku jista' jkun skorrett, izda la hu ngurja, la hu malafama ta' karattru, la hu malafama ta' reputazzjoni u anqas hi haga li tesponi lil dak li jkun ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku – li huma l-premessi ghall-azzjoni attrici. *L-eccipjent qed jistenna jixhdu lill-persuni distiniti elenkati mill-attur stess biex jghidu fejn hu d-dizunur li tmil lejh u tghin lill-Partit Nazzjonalista.*

5. Illi kif espress fil-gurisprudenza recenti, biex l-azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali taht il-Ligi tal-Istampa, tirnexxi jrid ikun hemm sustanza fl-addebiti oggezzjonati izda l-attur innifsu, fil-premess qal li dask li oggezzjona ghalih itendi (*ipso verbo*) li jingurja ecc. Jigifieri l-istess attur qed jirrelega u jmewwet dak li oggezzjona ghalih.

6. Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

7. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

**PROVI**

**L-attur** xehed li hu kien qara l-artikolu imsemmi u l-aktar haga li ngurjatu kienet li qalu li hu kien jifforma parti minn dawk tal-gakketta blu, u dana billi hu bhala ufficjal pubbliku, qaghad 'il boghod minn affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-politika. Dawk tal-gakketta blu kienu konnessi mal-Partit Nazzjonalista u kienu tressqu l-Qorti fuq allegati atti kriminali u hu bhala membru fil-korp tal-pulizija ma setghax jifforma parti minn dan il-grupp u minn ebda ghaqda politika jew sportiva. Hu qed joggezzjona specjalment ghar-raba' paragrafu ta' l-artikolu.

**Dr. Austin Gatt** xehed li l-attur ma kienx wiehed mill-hmistax il-persuna li kienu jiffurmaw il-grupp tal-gakketta blu li kienu jiehdu hsieb il-*counting* fid-distretti waqt l-elezzjoni.

**Joe Saliba** ikkonferma li l-attur ma kienx u mhux tesserat fil-Partit Nazzjonalista.

**Spettur Sandro Zarb** ikkonferma li meta kienu ttiehdu passi kontra l-persuni maghrufa bhala tal-gakketta blu, l-attur ma kienx fosthom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-ewwel lok il-konvenut eccpixxa li l-attur m'ghandu ebda "*locus standi*" bhala "*nomine*" u l-eccipjent ghandu minn dan il-lat jigi liberat bi spejjes kontra l-attur.

Illi f'dan ir-rigward l-attur spjega li hu mhux qed jagixxi personalment u ghan nom ta' xi Korp jew istituzzjoni imma personalment u fil-vesti tieghu ta' Direttur tal-Faciilita Korrettiva ta' Kordin u Superintendent tal-Pulizija. Illi hu hassu ngurjat mhux biss f'dak li jirrigwarda l-hajja privata tieghu imma anke u specjalment minhabba li dak li ntqal jirrifletti hazin fuq il-karigi li hu jokkupa. Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok, il-konvenut eccepixxa li trid tigi pruvata l-konnessjoni tal-eccipjent mal-harga tal-gurnal in kwistjoni.

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza gie ezibit id-dok a fol. 33, minn fejn jirrizulta li l-editur tal-gurnal it-Torca fit-18 ta' Gunju, 2000 kien Alfred Briffa.

Fil-mertu l-konvenut eccepixxa illi, li wiehed, hu min hu, tassjocah ma' partit politiku jista' jkun skorrett, izda la hu ngurja, la hu malafama ta' karattru, la hu malafama ta reputazzjoni u anqas hi haga li tesponi lil dak li jkun ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku.

L-attur qed joggezzjona ghal dik il-parti tal-kitba, para 4 tad-Dok a fol. 5, fejn hemm miktub li hu kien jifforma parti mill grupp imsejjah "tal-gakketta blu". Hu qed joggezzjona ghal dik il-parti billi hu bhala ufficjal pubbliku, qaghad 'il boghod minn affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-politika. Bhala ufficjal pubbliku hu ghandu jkun imparzjali u indipendenti, u dina l-kitba qed tindika li hu kien parti mill-organizzazzjoni tal-Partit Nazzjonalista u li jiehu sehem fl-attivitajiet tieghu. Ma hemm xejn hazin li wiehed ikollu l-opinjoni politika partikolari, izda kif xehed l-attur: "jien bhal kull bniedem iehor ghandi t-twemmin tieghi pero' dejjem qaghad 'il boghod milli nesprimi certi affarijiet. Bhala membru tal-korp tal-pulizija kull membru ma jistax jifforma parti minn ebda ghaqda sija politika u sija sportiva (fol. 18)."

Ghalhekk l-addebitu li l-attur kien jifforma parti mill-organizzazzjoni tal-Partit Nazzjonalijsta, bhala membru tal-gakketta blu, hu ngurjuz fil-konfront ta’ l-attur, li bhala ufficjal pubbliku, kellu jzomm ruhu ekwidistanti mill-partiti politici. Dak li nkiteb hu attakk fuq l-integrita’, l-imparzjalita’ u indipendenza ta’ l-attur *qua* ufficjal pubbliku.

Il-konvenut pero’ qed ighid ukoll li, *dato non concesso* li hemm xi ngurja fl-addebitu, kif espress fil-gurisprudenza recenti, biex l-azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali taht il-Ligi tal-Istampa tirnexxi, jrid ikun hemm sustanza fl-addebiti oggezzjonati, izda l-attur innifsu, fil-premessi, qal li dak li oggezzjona ghalih itendi (*ipso verbo*) li jingurja ecc. Jigifieri l-istess attur qed jirrelega u jmewwet dak li oggezzjona ghalih.

F’dan ir-rigward, skond gurisprudenza recenti ta’ dawn il-Qrati, biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni gusta jekk f'kazijiet bhal dawn hemmx malafama jew le, wiehed m'ghandux biss izomm quddiemu l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), izda ghandu jinterpreta dan l-att fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, u, invista ta' l-Att XIV ta' l-1987 (Kap. 319), anke fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jaghtu protezzjoni ghal-liberta' ta' espressjoni (Ara sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell moghtija fl-4 ta' Frar, 1994, fil-kawza: "Anglu Fenech proprio et nomine vs. Carmelo Callus et" fejn dan il-punt huwa amplifikat u approfondit sewwa).

Skond il-konvenut (ara nota tieghu) anke meta kitba mpunjata jkun fiha gudizzju temerarju w zbaljat fuq l-eghmil ta’ persuna b'dana kollu din tista’ ma teccedix il-limiti traccjati fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem. Ma' dan imbaghad, ghandu jizdied, bhala decizament determinanti, ir-rifless tal-grad ta' gravita' li l-ingurja proferita ghandha tassumi sabiex tigbed in-necessita' ta'

rizarciment oltre it-tutela guridika - kif gie traccjat fis-sentenzi Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Mejju, 1936, Strickland vs Mizzi (Vol. XXIX.1.639); u tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tal-24 ta' Mejju, 1989, K. Tonna vs F. Agius et.; tal-25 ta' Lulju, 1989, M. Rossignaud et vs F. Agius et.; u tat-8 ta' Jannar, 1990, Dr. K. Wain vs F. Agius et.

Illi fil-kaz in ezami l-artikolu nkriminat fih kemm *value judgments* kif ukoll addebiti ta' fatt. Meta l-konvenut jghid li l-attur ta' palata kbira lill Partit Nazzjonalista, dan hu *value judgment* u wiehed jista' jaqbel u ma jaqbilx mieghu u sa hawn ma hemmx ingurja jew malafama, imma meta jikteb li l-attur kien tal-gakketta blu meta dana ma kienx vera, u l-attur gab provi li dan ma kienx minnu, allura kif gja rajna, din l-asserzzjoni inveritjera hija ngurjuza fil-konfront ta' l-attur ghar ragunijiet fuq imsemmija, billi ggib fid-dubbju l-imparzjalita' u l-indipendenza ta' l-attur.

Rigward id-danni li l-attur qed jirreklama (ara nota), il-Qorti hi tal-fehma li l-ingurja in kwistjoni mhiex daqshekk gravi li timmerita dawk l-ammonti li qed jippretendi l-attur, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra dak li ntqal aktar 'l fuq dwar il-gravita' ta' l-ingurja proferita, fil-kuntest tal-ligijiet u gurisprudenza l-aktar recenti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut; tilqa' t-talbiet attrici,

tiddikjara li l-pubblikazzjoni imsemmija hija libelluza fil-konfront ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta'

Lm500 (hames mitt lira Maltin) bhala danni bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**